**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Melvyn Camilleri**

**vs**

**Ahmed Sharif Haydar Issa**
**Omissis**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni numru 23/2016**

**Illum 22 ta' Mejju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Ahmed Sharif Haydar Issa** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 43683 (A), Omissis detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 82053 (A) u Omissis detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 55174 (A) billi huma akkuzat talli nhar it-13 ta' Jannar 2016 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' billejl (23:30) fiz-Zurrieq:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw offiza gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' Romedan Said Ali Taha;

2. Ikkommettew serq ta' flus kontanti ghad-detriment ta' Romedan Said Ali Taha liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-lok u bil-hin;
3. Irrendew rwiehom ricedivi ai termini ta' artikoli 49 y 50.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-vittma ai termini tal-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 1 ta' Dicembru 2017 (esebita a fol. 155 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputati taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 214, 216(1)(a)(ii)(iii)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 261(a)(e)(f), 262, 269, 270, 274(b) u 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar li l-Qorti ghandha tapplika dak li jipprovdi l-Att dwar il-Probation (Kap 446) invista li l-imputat diga' ghamel numru ta' xhur arrestat provizorjament.

L-imputat skuza ruhu ghal dak li kien sehh u jiddispjacih li sehh dan f'pajjiz li laqa' lilu u lil shabu fih..

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti rat li l-imputat diga' ghamel sitt xhur prigunerija u dan se jittiehed inkonsiderazzjoni f'din id-decizjoni.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputaat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-

Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**